MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 1124/15LM

**Maltco Lotteries Limited (C-32326)**

***vs.***

**(1) Ministru tal-Finanzi; (2) Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. B'nota tat-3 ta' April 2017 assuma l-atti minfloku l-Ministru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi u b'nota tat-18 ta' Ottubru 2017, assumew l-atti l-Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari Responsabbli mis-Servizzi Finanzjari, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni; (3) L-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u (4) Gaming Operations Limited li ġiet imdaħħla f'din il-kawża *in statu et terminis* b'digriet tad-29 ta' Diċembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat id-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018.

Rat id-digriet tagħha mogħti kameralment fil-11 ta' Ottubru, 2018.

Semgħet ix-xhieda ta' Edmond Galea, Senior Executive mal-Malta Gaming Authority, mogħtija waqt l-udjenzi tal-5 ta' Novembru, 2018 u 16 ta' Novembru, 2018.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mix-xhud Edmond Galea waqt l-udjenzi tal-5 ta' Novembru, 2018 u 16 ta' Novembru, 2018 u li dwarhom kien hemm oġġezzjoni da parti tal-Awtorità konvenuta u/jew da parti tas-soċjetà intervenuta fil-kawża rigward l-ammissibilità u r-rilevanza tagħhom bħala prova f'din il-kawża.

Semgħet waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2019 lill-avukati tal-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2019 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tas-27 ta' Frar, 2019 fid-9:00 a.m. sabiex jingħata provvediment.

Ikkunsidrat:

Illi *ai termini* tad-digrieti tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2018 u tal-11 ta' Ottubru, 2018 fl-udjenzi tal-5 ta' Novembru, 2018 u 16 ta' Novembru, 2018 kien xehed Edmond Galea, rappreżentat tal-Awtorità konvenuta minn fuq il-*files* tal-Awtorità konvenuta u kellha tkun il-Qorti li tiddetermina dokument b'dokument, liema dokumentazzjoni hija ammissibbli u produċibbli bħala prova rilevanti għall-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża.

Illi l-Awtorità konvenuta u/jew is-soċjetà intervenuta fil-kawża qegħdin joġġezzjonaw fir-rigward ta' għadd ta' dokumenti li ġew ippreżentati mix-xhud Edmond Galea in kwantu għall-ammissibilità u r-rilevanza tagħhom bħala prova f'din il-kawża.

Tqis illi l-kawża odjerna mhijiex waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, fejn ir-retroxena u l-korrispondenza u l-komunikazzjonijiet interni jistgħu jkunu ta' rilevanza diretta għall-istħarriġ li tkun trid tagħmel il-Qorti. Fil-kawża odjerna l-eżami li għandu jsir mill-Qorti huwa wieħed ċar u skjett u li m'għandu x'jaqsam xejn mal-mod kif l-Awtorità konvenuta eżerċitat id-diskrezzjoni amministrattiva tagħha biex waslet għad-deċiżjoni tagħha u huwa wieħed limitat għal dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi fit-talbiet fir-rikors maħluf tagħha, u ċjoè jekk hemmx bażi biżżejjed biex il-Qorti tiddikjara li bl-għoti tal-liċenzja lis-soċjetà intervenuta fil-kawża, ġewx miksura d-dispożizzjonijiet tal-Konċessjoni u tal-Liċenzja maħruġa a favur tas-soċjetà attriċi.

Tqis illi għad illi fid-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2018 il-Qorti kienet stabbiliet illi kull talba da parti tas-soċjetà attriċi għall-produzzjoni ta' dokumentazzjoni mill-files tal-Awtorità konvenuta, kellha titqies fuq il-mertu tagħha, is-soċjetà attriċi naqset għalkollox milli tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha b'mod speċifiku għar-rigward tal-ammissibilità u r-rilevanza ta' kull dokument illi hija talbet il-produzzjoni tiegħu u llimitat ruħha u straħet biss fuq sottomissjonijiet ġenerici li ma għamlu l-ebda riferiment speċifiku għad-dokumenti li saret oġġezzjoni dwar l-ammissibilità u r-rilevanza tagħhom mill-Awtorità konvenuta u/jew mis-soċjetà intervenuta fil-kawża.

Illi kwantu għad-dokumenti 'PSER DOC Safety Test Report MODEL NEVADA PSER022933', it-'TEST REPORT IEC 60950, Ist Edition, 2001-10', id-diversi ċertifikati maħruġa mit-Technisches Büro für Elektrotechnik, l-'APPENDIX C Test Data Sheets', u d-'Declarations of Conformity – Nevada SSBT terminal re-certified for and on behalf of Scientific Games by Barcrest Group Limited', tqis li dawn id-dokumenti mhuma ta' ebda rilevanza diretta għall-vertenza li għandha l-Qorti quddiemha f'din il-kawża u għalhekk dawn id-dokumenti m'għandhomx jiġu ammessi bħala parti mill-atti ta' din il-kawża.

Illi kwantu għall-bqija tad-dokumentazzjoni konsistenti f'korrispondenza interna tal-Awtorità konvenuta u *manuals* li ġiet ippreżentata mix-xhud Edmond Galea mill-files tal-Awtorità konvenuta, u li fir-rigward tal-ammissibilità u r-rilevanza tagħha wkoll saret oġġezzjoni mill-Awtorità konvenuta u/jew mis-soċjetà intervenuta fil-kawża, il-Qorti tqis li l-produzzjoni ta' din id-dokumentazzjoni għad illi tista' titqies li hija ammissibbli *ai termini* tad-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2018, ma tistax titqies li hija rilevanti għar-rigward tat-talbiet li qiegħda tagħmel is-soċjetà attriċi fil-kawża odjerna, ċjoè li bil-ħruġ tal-Liċenzja mill-Awtorità konvenuta lis-soċjetà intervenuta fil-kawża, setgħu ġew miksura d-dispożizzjonijiet tal-Konċessjoni u tal-Liċenzja maħruġa a favur tas-soċjetà attriċi. Għaldaqstant dawn id-dokumenti m'għandhomx jiġu ammessi bħala parti mill-atti ta' din il-kawża.